# It-tużell Tal-festa Jagħlaq 75 Sena

*Kitba tal-Kan. Dun Joe Abela*

## Tużell grandjuż

Għall-Festa ta' Santa Katarina ta' 75 sena ilu, eżattament nhar il-**25 ta' Novembru, 1929**, fil-knisja parrokkjali tagħna żanznu t-tużell artistiku u grandjuż li għadna ngawdu sal-lum. Arċipriet taż-Żejtun kien **Dun Lawrenz Degabriele**, li fi żmienu saru ħafna opri fil-knisja, filwaqt li prokuraturi kienu **Dun Spir Grixti, Dun Ġlormu Seychell** u s-**Sur Mikiel Tabone** (1). Kull min jidħol fil-knisja parrokkjali tagħna fil-ġranet tal-Festa ta' Santa Katarina, ma jistax ma jammirax dan it-tużell imponenti mdendel fuq l-altar maġġur. Hu biċċa xogħol kbira ta' l-arti li timpressjona lil kulħadd, ukoll lill-istess ġurnalisti. Meta ftit tax-xhur ilu ġie ppubblikat ir-Raba' Volum tas-Sensiela "**Teżori fil-Knejjes Maltin**", li kien jinkludi liż-Żejtun u dehret kitba ta' apprezzament fil-ġurnal ***The Times***, proprju minn mijiet ta' ritratti kuluruti, l-editur għażel li jġib ritratt ta' dan it-tużell! Fil-fatt dan it-tużell hu kkunsidrat bħala wieħed mill-isbaħ, jekk mhux l-isbaħ wieħed, mit-tużelli kollha fil-Gżejjer Maltin.




It-tużell armat meta nżanżan l-ewwel darba 1929.

## Tużelli ta' qablu

Dan ma kienx l-ewwel tużell li bih iż-Żwieten żejnu l-knisja parrokkjali tagħhom fil-ġranet tal-Festa ta' Santa Katarina. Ma nafux jekk fil-knisja parrokkjali l-qadima, dik li komunement insibuha bħala "Ta' San Girgor", kellhomx xi tużell, iżda aħna ċerti li malli lestew jibnu l-parti ċentrali (forma ta' Salib Latin) tal-knisja parrokkjali preżenti, ma damux wisq biex għamlu tużell għall-Festa. Dan sar fl-**1732**, jiġifieri qabel inbnew l-oratorju u navi, meta prokuratur kien **Dun Lawrenz Mallia,** li ftit wara sar kappillan taż-Żejtun (2). Wisq probabbli li t-tużell li **Giacomo Bianco** ġabar albural (lista ta' benefatturi li jħallsu għal xi opra partikulari) għalih u li ġie ordnat minn Messina fi Sqallija (3), kien l-istess tużell imsemmi minn Dun Lawrenz Mallia. Wara dan żgur li saru xi tużelli oħra (4). It-tużell tal-Festa ta' Santa Katarina. Hi kważi ċertezza li d-disinn tiegħu kien ħażżu l-bravu **Nikola Zammit** mis-Siġġiewi. Fil-fatt hu jixbah ħafna lit-tużell tal-Festa ta' Bormla, li aħna żgur hu xogħol **Nikola Zammit**. Taż-Żejtun jaqbel sewwa ma' l-arkitettura tal-knisja – jakkumpanja l-gwarniċ u l-friż - u allura għandu valur artistiku għoli. Fost id-dilettanti ta' l-armar hu magħruf bħala "Tal-lama", minħabba d-drapp tal-patalotti (pendenti) li bih kien jintrama. Jingħad li kien sar mill-imgħallem **Mastru Pepp**. Fil-fatt tidher kitba fuq l-injam tiegħu li tgħid: **M. Giuseppe Spiteri. 7 bre 1873.** Mela kien sar fix-xahar ta' Settembru (7 bre). Fil-festa liturġika ta' Santa Katarina li ssir fil-25 ta' Novembru, llum jintrama bil-patalotti ħomor.

## Żewġ disinji għat-tużell tal-Festa

Għat-tużell tal-Festa ta' llum li, kif għidna, kien iżżanzan fl-1929, kienu saru żewġ disinji u minnhom intagħżel l-aħjar wieħed. Id-disinn ta' dak li ma ntagħżilx għadu sal-lum merfugħ fil-

Mużew Parrokkjali. Il-fatt li ma ntagħżilx ma jfissirx li mhux sabiħ jew artistiku. Meta tqabblu mad-disinn li ntagħżel, jidher li hu **aktar sempliċi u żnell**, iżda għandu wkoll il-ħafna preġji tiegħu. Żgur li xogħol ta' injam, u skultura fl-injam, kien ikollu ħafna anqas min dak li sar, iżda hu ħelu ħafna fil-linji dritti tiegħu. Żgur ukoll li ma kienx se jagħti idea ta' toqol u peżantezza li forsi jagħti dak li ntagħżel. Id-disinn tar-rakkmu fil-patalotti hu kollu l-istess, b'eċċezzjoni ċkejkna fil-patalott tan-nofs, fejn kellha ssir l-arma ta' Santa Katarina, iżda għal darb' oħra kienet se tkun aktar sempliċi minn dik li għandu t-tużell tal-lum, peress li r-rota kienet se tkun nieqsa. Barra minn hekk, dan id-disinn tal-patalotti kien se jkun fih innifsu wisq anqas elabora minn dak li naraw illum. Il-palma tal-martirju ma kenitx se tkun irrakkmata fuq il-bellus, iżda skolpita fl-injam tal-gwarniċ. Ukoll il-fjokk, li minnu jiddendel it-tużell, kien se jkun bil-bosta aktar sempliċi minn dak li sar. Fuq nett kien se jispiċċa bil-kuruna ta' Santa Katarina.



**Dan huwa id-disinn tat-tużell li ma ntagħżilx**

## Artisti li ħadmu fit-tużell li għandna

Fis-sena 1929 żanżnu wkoll il-ventaltari ta' San Mikiel u tal-Karita` (5). Id-disinn tat-tużell li fil-fatt sar u li għandna tal-Festa, u x-xogħol ta' l-iskultura fl-injam, sar minn **Emanuel Buhagiar**, megħjun minn **Ġużeppi Decelis**, it-tnejn mill-Birgu (6), iżda mastrudaxxa għax-xogħol kbir ta' l-injam kien iż-Żejtuni **Spiridione Ellul**. L-induratura saret minn **Lorenzo Gatt**, mill-Birgu, minn fejn ġiebuh bil-karettuni li dari kienu jġorru fuqhom il-ġebel għall-bini. Ħdejn il-bieb prinċipali ta' l-Iskola Primarja taż-Żejtun kien hemm il-**Banda Beland** tistennieh, u mbagħad wassluh sal-knisja parrokkjali fost il-briju tan-nies (7). Iżda l-patalotti rrakkmati kienu għadhom ma waslux minn Ruma fejn inħadmu mid-***Ditta Tanfani e Bertarelli***, *89, Via S. Chiara* (*Minerva*). It-timbru tad-ditta jidher fuq id-disinn. Waslu biss fl-aħħar ġranet qabel il-festa, li dak iż-żmien kienet issir fil-25 ta' Novembru. Tant waslu tard li diġa kienu armaw "Tal-lama", li allura tniżżel malajr u ħaffu jarmaw il-ġdid. Id-drapp tal-loppa għamlu l-ħajjat **Wiġi Galea** miż-Żejtun. Peress li b'kollox, biċċiet ta' skultura u bellus, fih aktar minn 200 biċċa, kollox hu mmarkat b'numri Rumani u ittri, biex żgur li kull parti titqiegħed f'postha. Jiżen 1 3/4 tunellata u qam £1,400, somma kbira ferm għal dak iż-żmien. Żewġ riferenzi fl-Arkivju Parrokkjali (8), kitba ta' Dun Spir Grixti, jagħtuna d-data eżatta meta l-prokuratur mar id-Dwana biex iħallas id-dazju fuq il-patalotti rrakkmati meta dawn waslu minn Ruma: ***18 novembre 1929: al collettore della dogana dazio sul baldacchino pendente...... £47.15s.7d.*** Iżda x-xogħol tal-bellus tal-fjokk tħallas wara, għaliex nota dwar ħlasu (9) iġġib id-data Awissu, 1930, barra li fil-21 ta' Mejju ta' l-istess sena, il-prokuratur niżżel xi ħlas ***għall-vettura alla Valletta all' oggetto di ritirare dalla dogana il velluto.***

## Deskrizzjoni ta' l-arma ta' Santa Katarina

Tiddomina fil-patalott tan-nofs fil-faċċata tat-tużell l-arma ta' Santa Katarina. Ma jistax ma jkunx hekk! Arma sabiħa, irrakkmata bil-ħjut tad-deheb u tal-fidda fuq il-bellus ħamrani skur. Il-ħajt tal-fidda hu wżat għall-ġilju bajdani, li jissimbolizza s-safa tal-qaddisa, u għax-xafra tas-sejf, li jfakkar il-martirju tagħha bi qtugħ ir-ras. Il-bqija ta' l-arma – ir-rota mkissra bis-snien ippuntati, li biha Massiminu pprova l-ewwel joqtolha, il-kuruna li tfakkar in-nobbilta' tagħha, il-palma, is-simbolu tal-martirju – huma kollha maħduma mill-ħajt tad-deheb. Fuq l-arma jidher disinn ieħor li jikkumpletha. Fil-fatt dan id-disinn tan-nofs hu akbar mid-disinji tal-patalotti l-oħra fuq il-ġnub tal-patalott ċentrali. Il-frenza tad-deheb u l-ġmiemen ta' taħt, ikomplu jagħtu dehra isbaħ lil din l-arma tal-qaddisa patruna taż-Żejtun.

Noti u riferenzi:

1. Kitba taħt ir-ritratt tat-tużell fil-Mużew Parrokkjali taż-Żejtun.
2. Arkivju Parrokkjali Żejtun, MS 268, f.20r.
3. Arkivju Parrokkjali Żejtun, Kaxxa 116, MS 54.
4. Il-mibki Ġann Mari` Debono, li għamel snin twal midħla tal-knisja parrokkjali taż-Żejtun u tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann, kien jgħid li t-tużell ta' San Ġwann qabel kien fil-knisja parrokkjali taż-Żejtun, barra li sa ftit tas-snin ilu kienu għadhom jeżistu fil-maħżen ta' l-armar taż-Żejtun il-fdalijiet ta' tużell qadim.
5. Programm Parrokkjali, Festa 1990, p.23.
6. Tagħrif mogħti lili minn Anton Attard, Birgu.
7. Tagħrif minn għand Ġużeppi Mercieca.
8. MS 224, mhux impaġnat, u MS 223, p.245.
9. MS 224.